

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru. ../..

ta' [...]

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2042/2003, dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' ingeni ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli msemmija fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni¹ (hawn aktar 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6 imsemmija

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2042/2003, dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' ingeni ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol,²

Billi:

- (1) L-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2042/2003 jistabbilixxi illi l-Istati Membri jistgħu joħorġu approvazzjonijiet rigward l-Anness II u l-Anness IV għal perjodu ta' żmien limitat sat-28 ta' Settembru 2005.
- (2) L-Istati Membri esprimew it-tħassib tagħhom rigward id-differenzi bejn il-leġislazzjoni nazzjonali u s-sistema ta' approvazzjoni ta' żmien mhux limitat stabbilita mir-Regolament imsemmi. Dawn id-differenzi għandhom jiġu indirizzati.
- (3) Iż-żmien ta' l-għeluq speċifikat fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament imsemmi għandu jiġi milħuq. Żmien ta' l-għeluq ieħor għandu jiġi stabbilit sabiex Stati Membri ikunu jistgħu jadattaw il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom.

¹ ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1.

² ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1.

- (4) Il-miżuri pprovduti minn dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija³ skond l-Artikoli 12(2)(b) u 14(1) tar-Regolament Bażiku.
- (5) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni⁴ tal-Kumitat ta' l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni mwaqqaf permezz ta' l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Bażiku.
- (6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2042/2003 għandu jiġi emendat skond dan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artiklu 1

L-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2042/2003 huwa emendat hawnhekk kif ġej:

“4. L-Istati Membri jistgħu joħroġu approvazzjonijiet rigward l-Anness II u l-Anness IV għal perjodu ta' żmien limitat sat-28 ta' Settembru 2007.”

Artiklu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-publikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni
Membru tal-Kummissjoni*

³ Opinjoni 5/2005

⁴ [għad trid tinħareġ]